# KUNSILL LOKALI MQABBA

**29, TRIQ IL-PARROĊĊA, MQABBA MQB 1512**

**TEL: 2168 0622 /2701 3040 • FAX: 2168 0606**

**E-MAIL: mqabba.lc@gov.mt**

**WEB SITE: www.mqabba.gov.mt /www.lc.gov.mt**


Minuti tal-laqgħa numru ħamsa u sittin (65) tal-Kunsill Lokali Mqabba (KLM) li nżammet nhar it-18 ta' Jannar 2011, fil-Bini Amministrattiv tal-Kunsill, fis-7:00pm.

| | | |
|---|---|---|
| PREŻENTI: | Noel Galea | Sindku |
| | Charles Farrugia | Viċi Sindku |
| | Nicholas Briffa | Kunsillier |
| | Grace Marie Mallia | Kunsillier |
| | Paul Spiteri | Kunsillier |
| | Anthony Bonello | Segretarju Eżekuttiv |

1. Il-**laqgħa kienet posposta** b'ġimgħa għaliex is-segretarju eżekuttiv kien ma jiflaħx u ma setgħax jattendi.

2. Il-**laqgħa bdiet nofs siegħa tard** għaliex kien hemm xi kunsillieri li ttardjaw. Matul din in-nofs-siegħa, il-viċi sindku enfasizza li d-dokumentazzjoni dwar l-**offerta tal-ġbir tal-iskart** li ħareġ il-KLM aktar kmieni din is-sena trid tinbena l-*file* biex ikun ippreżentat apposta lid-Dipartiment tal-Kuntratti peress illi l-istess Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali irreferiet **l-appell** tas-Sur Ludovic Ghigo fi ħdan id-dipartiment għalkemm m'għandna xejn uffiċjali s'issa.

3. Is-**sindku** qal it-talba u **ppresjeda l-laqgħa.**

4. Il-**minuti tas-seduta** preċedenti kienu kkunsidrati bħala moqrija peress li kienu intbagħtu minn qabel mis-segretarju eżekuttiv lill-kunsillieri permezz ta' *e-mail*, dawn ġew approvati u ffirmati bil-korrezzjonijiet li jidhru bil-linka u inizjalati fuq il-kopja oriġinali.

5. Is-sindku semma li ħareġ il-permess tal-**kostruzzjoni ta' Triq Dun Ġiacomo Tortella u Ġużeppi Galea, Triq Annetto Caruana** kif ukoll ta' parti oħra mis-*service road* Triq il-Konvoj ta' Santa Marija fejn dan l-aħħar fetaħ ħanut tal-laħam. Is-sindku qal li llum intbagħtet *reminder* lill-*MEPA* mill-Perit tal-KLM Anthony Bezzina biex ningħataw il-livelli f'dawn l-istess inħawi peress li dawn huma toroq li qatt ma kienu mibnija qabel. Sadanittant il-kuntrattur qed iwaħħal it-tabelli biex jiddevvjaw it-traffiku temporanjament qabel jaqbad dawn ix-xogħlijiet.

6. Intant il-KLM se japplika għall-Fond għat-Titjib Urban biex tinkesa **Triq il-Fjuri** billi imtliet l-applikazzjoni mill-uffiċċju u din ġiet mgħoddija lill-Perit A Bezzina biex jagħmel l-istimi tal-kisi bil-konkos tal-wiċċ ta' din it-triq u ż-żewġ sqaqien tagħha. Il-Kuntrattur *Char Construction* li ħa l-offerta xtaq jiltaqa' magħna biex jara d-dettalji tal-proġett, filwaqt li l-Kuntrattur *Asfaltar Ltd* ser ikun involut biex ibaxxi t-triq u għaldaqstant jinsab f'diskussjonijiet ma' *Transport Malta*. Lill-*Asfaltar Ltd* f'Diċembru, 2010 għaddejnielu €30,000 u kif jagħlaq il-kont bankarju *fixed* lejn tmiem dan ix-xahar, inkunu nistgħu ngħaddulu €20,000 oħra. Peress li issa ninsabu fi tmiem is-sena finanzjarja 2011, se nitolbu *statement* lill-Kumpanija *Asfaltar Ltd* u s-segretarju eżekuttiv se jieħu l-inkarigu jaħdem biex **jagħlaq is-sena** ħalli kollox ikun mgħoddi lill-*Accountant* Richard Falzon sa Frar 2011.

7. Dwar kontijiet li għad fadal x'jidħlu (biex inkunu nistgħu nagħlqu s-sena), is-sindku qal li llum ingħatajna dak ta' Diċembru 2010 tal-**Kumitat Konġunt tal-Infurzar tal-Liġijiet taż-Żurrieq**. Hu qal li issa daħlet il-pulizija fil-każ ta' falsifikar ta' firem fuq ċekkijiet li qed ikun allegat li saru fuq l-*Authorised Officer*.

8. Issemmew problemi b'xogħol mhux imwettaq fil-ħin mill-kuntratturi tagħna, li jistgħu jaffettwaw ir-refużjoni tal-KLM dwar skemi li konna kkwalifikajna għalihom. Fosthom dik tal-***embellishment*** **tal-Ġnien tal-Ġibjun** fejn suppost il-lampa solari twaħħlet sal-aħħar ta' Diċembru 2010 kif is-segretarju eżekuttiv avża formalment lill-*Alberta Fire & Security* li ħadu l-offerta kif ukoll riċevuti oħra tal-**pannelli solari fuq il-bejt tal-Isptar il-Qadim** u dawk tal-attività kulturali. Hawn is-sindku qal illi minn issa 'l quddiem hu mhux se jiffirma ċekkijiet jekk ma jkollniex l-irċevuta fiskali. Dan għax mhux aċċettabbli li għandna noqogħdu niġru wara l-irċevuti li suppost jingħataw.

9. Dwar **Jum il-Premjazzjoni tal-Kulleġġ San Benedittu**, Liċeo Margaret Mortimer Santa Lucia, is-sindku oġġezzjona formalment permezz ta' ittra mal-Kap tal-Iskola għaliex minkejja li hu kien mistieden biex ikun preżenti għal din l-attività ma ssejjaħx b'ismu biex jippreżenta l-kotba li kienu se jkunu mogħtija mill-KLM.

10. Is-sindku rrefera għat-**tindif** illi hemm bżonn li jsir **fl-inħawi tas-Sejba**. Sfortunatament għadna mingħajr tweġiba mill-Inġinier Martin Dalmas dwar dan ix-xogħol li se jsir konġuntalment mal-Ajruport Internazzjonali ta' Malta u għotja mill-gvern bħala kampanja ta' tindif.

11. Minħabba l-kwantità kbira ta' korrispondenza li trid tiddaħħal fil-*files,* il-kopja tal-**ittra ta' oġġezzjoni tal-appell tas-Sur Ghigo** (l-oriġinal kienet intbagħtet lill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali) tal-offerta tal-iskart, ma nstabitx mill-kunsillieri matul din il-laqgħa. Kopja ta' din l-ittra staqsa għaliha l-viċi sindku u se tkun mgħoddija lilu sa għada wara nofs in-nhar billi titteħidlu *by-hand.*

12. Se nagħmlu ***reminder*** **ieħor lill-*Asfaltar Ltd*** dwar il-każ tas-Sur Vincent Attard għaliex dan għadu ma tħallasx tal-***power supply*** li kien inħaraqlu minħabba xogħlijiet li kienu qed isiru fis-*Service Road* fi Triq il-Konvoj ta' Santa Marija.

13. Il-**laqgħa pubblika kienet posposta għad-9 ta' Frar 2011** minħabba li l-Kunsillieri Nicholas Briffa u Grace Marie Mallia ma setgħux jattendu għal meta din kienet skedata, ġimgħa qabel. Għaldaqstant, il-kunsillieri kienu mħeġġa biex jgħaddu l-**artiki** tagħhom għall-**ħarġa sitta tal-fuljett** 'Fuq l-Għatba tal-Kunsill' malajr kemm jista' jkun. Intant, il-**kwotazzjonijiet tal-ippubblikar tal-fuljett** kif ukoll tat-trasport se jinfetħu bħal-lum ġimgħa fis-6:30pm u għaldaqstant se jkun hemm bżonn li jkunu preżenti żewġ kunsillieri.

14. Is-segretarju eżekuttiv se jivverifika jekk il-flus tar-**reklam** mingħand ***Kargo Aluminium*** daħlux jew le għaliex minkejja li hu ma rċieva xejn, jista' jkun li dawn intlaqgħu mill-iskrivani.

15. It-***tokens*** lil Charles Sacco, Michael Dingli, Tarcisio Dingli, Roger u Emuanuel Dingli talli ħadu **sehem fl-attività tal-1 ta' Ottubru 2010** għadhom ma sarux u se nordnawhom mingħand *Horace Enterprises.*

16. Il-KLM laqa' bil-qalb kollha **l-istedina** li saret minn Anna Maria Hoogvliet Weijers li se ttella' **wirja ta' pittura bl-isem *Live in Malta***, fl-Isptar il-Qadim. Minkejja li fl-applikazzjoni kien innotat li hija talbet iż-żewġ swali, dik it-tawwalija (*birthing chamber*) ma tistax tintuża għal din il-wirja, għaliex din qed tintuża għal skopijiet ta' tagħlim fil-*computer* u fiha hemm armati diversi *computers*. Din il-wirja se tkun imtella' f'April 2011, fi żmien l-Għid.

17. Kien diskuss il-punt fuq l-aġenda dwar il-**ħtieġa ta' separar ta' skart**. Is-sindku qal illi l-mira hija li tintlaħaq il-*benchmark* ta' 50%. Din il-figura għadna lura biex nilħquha u jinħtieġ li ssir qabża mill-20% tal-iskart separat li qed jinġabar bħal issa. Għall-osservazzjoni ta' Grace Marie Mallia illi qalet li l-KLM kien imwiegħed illi jingħata boroż b'xejn mill-kumpanija *Greenpak Ltd* biex inħajru aktar in-nies jisseparaw, is-sindku wieġeb illi dawn il-boroż jiswew ħafna flus u

instab li ma kienux qed jintużaw sabiex jiġi separat aktar l-iskart. Dan ħareġ mil-laqgħa li s-sindku kellu ma' Daniel, rappreżentant tal-*Greenpak*. Intant is-sindku elenka inizjattivi li huma ntiżi biex iħeġġu aktar parteċipazzjoni. L-ewwel waħda illi l-uffiċċju tal-KLM jagħmel u jqassam biljetti biex dawn jitwaħħlu minn sid id-dar mal-borża tal-iskart separat, jaqlagħhom qabel ma jitfagħhom fit-truck sid l-*iscammel* biex jingħata premju lil dawk li jkunu imlew l-aktar boroż, ħalli din isservi ta' nċentiva. Sadanittant is-sindku qal illi *Greenpak* iltaqgħu ma' għaxar persuni li kienu qed jisseparaw l-iskart fejn *bring-in-site* u tkellmu magħhom dwar id-diffikultajiet u dak kollu marbut mas-separar tal-iskart. Għal dan il-fatt il-viċi sindku qal illi l-kampanja pubbliċitarja nistgħu nagħmluha billi l-Ħadd filgħodu, l-kunsillieri jilqgħu n-nies li jkunu ħerġin mill-quddies u jqassmulhom kafe' u jitkellmu magħhom dwar dan is-suġġett. Intant is-sindku rrefera għal avveniment li sar fis-*Civic Amenity Site* tal-Imrieħel, fejn l-Iskola Primarja Mqabba ħadet it-tieni post talli ġabret biex ikunu riċiklati ammont ta' batteriji użati. Is-sindku kompla billi stieden lill-kunsillieri sabiex jitwaqqaf kumitat organizzattiv intenzjonat fuq kampanja b'saħħitha dwar riċiklar tal-iskart 2011.

18. L-***istaff meeting*** li kellu jkun miżmum fil-jiem li għaddew, għadu ma sarx u s-sindku qal illi se jagħfas fuq it-teħid tal-*vacation leave* fix-xahar ta' Diċembru u dwar l-*emergency leave* li se jkun ridott għal jumejn biss. Ser jelenka wkoll bidliet dwar l-operat tal-uffiċċju.

19. B'riferenza għall-**mistoqsija parlamentari** li wieġeb is-segretarju eżekuttiv lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali propju dan l-aħħar, is-sindku nnota b'sodisfazzjon **ż-żieda fil-kotba għal-librerija** pubblika tal-Imqabba flimkien maż-**żieda fil-self ta' kotba**. Hu qal illi dan kien wieħed inkoraġġanti minn meta l-librerija bdiet topera mill-Iskola Primarja. Is-self ta' kotba rdoppja u tela' 6,000 fis-sena 2010.

20. Għall-istedina mill-Ministeru tat-Turiżmu *tramite* id-Dipartiment għall-Gvern Lokali, il-KLM se jistieden lill-kappillan jikkunsidra illi **organist barrani jdoqq l-orgni antik tal-Parroċċa tal-Imqabba.** Dan għandu jkun mument sabiħ għall-pubbliku li jattendi din is-serata biex ikollu opportunità li jisma' siltiet li jpaxxu 'l-widna.

21. Issa li ġiet ippubblikata l-***Bye-Law*** **tal-kontenituri tal-ħġieġ** u konsum ta' alkoħol fit-toroq, is-segretarju eżekuttiv kien mitlub sabiex jinforma bl-obbligi ġodda li se jkun hemm fuq il-*bars* kif ukoll fuq il-pulizija li trid tinfurzaha.

22. Kienu approvati l-***Payment Approval Sheets*** numri 402 u 403

23. Il-**laqgħa li jmiss** se tinżamm nhar l-1 ta' Frar 2011.

24. Wara li *draft* tat-tweġiba /oġġezzjoni lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali għat-**tnaqqis li wettaq fl-allokazzjoni finanzjarja** minħabba raġunijiet imsemmija kemm-il darba f'dawn il-laqgħat u nnutati fil-minuti tal-KLM, is-segretarju eżekuttiv se jgħaddiha wara li din kienet approvata wkoll mill-kunsill.

25. Wara li ***Transport Malta*** **naqqset illi tmantni** kif kienet obbligata tagħmel **Triq il-Qrendi,** il-KLM kellu joħroġ fondi li ma jkunux allokati fl-allokazzjoni finanzjarja tal-gvern sabiex jimla l-ħofor fondi li kien hemm fit-tarmak fejn nafu li seħħew inċidenti f'vetturi ta' min jgħaddi minn din it-triq arterja.

26. Is-sindku ta dettalji dwar **l-offerta** li kienet maħruġa mill-**Kumitat tar-Reġjun** li fih nappartjenu għas-servizz **ta' gwardjani lokali**. Is-sindku qal li hemm ħames kumpaniji interessati u fil-jiem li ġejjin se jsir xogħol fuq l-aġġudikar ta' din l-offerta.

27. Saret referenza għal-laqgħa li kellu is-segretarju eżekuttiv mas-Sur Albert Buttigieg, ***Chief Executive Officer*** **tal-Awtorità tad-Djar** kif ukoll għall-ittra mibgħuta lill-KLM f'Diċembru,

2010, biex jiġu sottomessi l-proposti tagħna. Dawn il-proposti jridu jsiru sal-ġimgħa d-dieħla. F'dan l-istadju issemmew xiri ta' *computers* (sussidjati mill-KLM) lill-familji tal-blokok tal-*housing* biex jitħarrġu fl-*IT* il-membri tal-familji. Installazzjoni ta' *pv panels* fuq il-bjut sabiex jiġġeneraw enerġija nadifa. Liftijiet f'kull blokka. Proġetti ta' tisbieħ bħal qsari, għamara tat-toroq eċċ. Minn dawn ser naraw l-aktar affarijiet li huma burokratiċi anqas ħalli ma naħlux żmien u xogħol għal xejn.

28. Grace Marie Mallia irrimarkat illi d-diversi ***notice boards*** imqassma mat-toroq tar-raħal m'humiex aġġornati.

29. Kienet approvata l-ideja tas-sindku illi l-***bin on wheel* titressaq minn Triq San Mikiel għall-*Playing Field* f'Misraħ il-Fidwa,** filwaqt li hemm proposta biex in-*notice board* proposta mill-*MEPA* titwaħħal ukoll f'dan il-post.

30. Is-sindku ħeġġeġ sabiex nibdew il-preparamenti għal meta Malta se tkun qed tospita **l-Belt Kapitali Ewropeja fl-2018**. Hu qal li jinħtieġ li jitwaqqaf kumitat biex ikunu diskussi dawn l-attivitajiet li jridu jseħħu anke fl-Imqabba peress li aħna wkoll firmatarji ta' *agreement* fejn aċċettajna illi l-Imqabba se tieħu sehem ukoll.

31. Ġejna mitluba sabiex nipparteċipaw fil-kampanja pubbliċitarja tal-Awtorità Maltija tal-Komunikazzjoni, jiġifieri li se **jispiċċaw it-trasmissjonijiet televiżivi hekk magħrufa *free to air***. Dan ifisser li kull min għadu qed jara t-*TV* bl-*aerial* se jkollu jsib kumpanija privata li tagħtih aċċess għal dawn l-istazzjonijiet. Kollox se jseħħ sa mill-1 ta' Ġunju 2011.

32. Se jkun magħmul il-**pagament tal-€100** lill-Iskola Primarja Mqabba minħabba li l-KLM uża s-sala tal-iskola biex tella' l-programm Ġieħ l-Imqabba 2010.

33. Minn skema tal-gvern ċentrali biex jittieħdu aktar inizjattivi biex jittellgħu **attivitajiet kulturali, għas-sena 2011 se nkunu allokati €4,000** – tnaqqis ta' €1,000 mill-għotjiet tal-2009 u dik tal-2010. Dan seħħ għax żdiedu l-parteċipanti.

34. F'punti oħra il-viċi sindku semma l-proġett li se jsir mill-Kumitat tal-**Każin tal-Futobol tal-Imqabba** fejn dawn applikaw biex jagħmlu ***full size pitch.***

35. Il-laqgħa ntemmet fid-9:15pm.

| | | | |
|---|---|---|---|
| *Magħmula minn* | **Anthony Bonello**<br>**Segretarju Eżekuttiv** | *u approvati llum*<br>*____/02 /2010 minn:* | **Noel Galea**<br>**Sindku** |